DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2021/1131

tal-5 ta' Lulju 2021

li jistabbilixxi t-tqassim annwali skont l-Istat Membru tar-riżorsi globali għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond ta' Koeżjoni taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea, it-tqassim annwali skont l-Istat Membru skont il-kategorija ta' reġjun, it-tqassim annwali skont l-Istat Membru allokat għall-finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi, l-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti mill-Fond ta' Koeżjoni ta' kull Stat Membru għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, it-tqassim annwali tar-riżorsi globali għall-Inizjattiva Urbana Ewropea, it-tqassim annwali tar-riżorsi globali għall-kooperazzjoni transnazzjonali li tappoġġa soluzzjonijiet innovattivi, it-tqassim annwali tar-riżorsi globali għall-Investimenti għall-Innovazzjoni Interreġjonali, it-tqassim annwali tar-riżorsi globali tal-kooperazzjoni transfruntiera tal-għan ta' kooperazzjoni territorjali, it-tqassim annwali skont l-Istat Membru tar-riżorsi globali għall-kooperazzjoni transnazzjonali tal-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, it-tqassim annwali tar-riżorsi globali għall-kooperazzjoni interreġjonali tal-għan ta' kooperazzjoni territorjali u t-tqassim annwali tar-riżorsi globali għall-kooperazzjoni tar-reġjuni ultraperiferiċi tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-perjodu 2021–2027

(notifikata bid-dokument C(2021) 5003)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, s-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Asil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għall-Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viża ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 109(2) u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 110(3) tiegħu,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2021/1059 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-għan tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) ([2]) appoġġat mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u strument ta' finanzjament estern, u b'mod partikolari l-Artikolu 9(3) tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex jiġi stabbilit qafas finanzjarju xieraq għall-Fondi huwa meħtieġ li jiġi stabbilit it-tqassim annwali skont l-Istat Membru tar-riżorsi globali allokati taħt il-mira tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi u l-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg).

(2) Huwa meħtieġ li jiġi stabbilit it-tqassim annwali skont l-Istat Membru ta' riżorsi speċifiċi allokati skont il-kategoriji differenti ta' reġjuni kif speċifikat fil-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir.

(3) Jeħtieġ li jiġi stabbilit it-tqassim annwali ta' riżorsi speċifiċi favur ir-reġjuni ultraperiferiċi fi Franza, Spanja u l-Portugall, u r-reġjuni fil-Finlandja u fl-Iżvezja li jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 ta' mal-Att tal-Adeżjoni tal-1994.

([1]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.
([2]) ĠU L 231, 30.6.2021, p. 94.

(4) Għal raġunijiet ta' trasparenza, huwa xieraq li jiġi stabbilit it-tqassim annwali skont l-Istat Membru tar-riżorsi speċifiċi għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) u l-Fond Soċjali Ewropew Plus (FSE+) filwaqt li jitqies li l-ammonti tal-FEŻR u tal-FSE+ allokati lil kull Stat Membru jenħtieġ li jkunu daqs l-ammonti ta' riżorsi speċifiċi allokati skont il-kategoriji differenti ta' reġjuni u riżorsi speċifiċi favur ir-reġjuni ultraperiferiċi fi Franza, Spanja u l-Portugall, u r-reġjuni fil-Finlandja u fl-Iżvezja li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 tal-istess Att ta' Adeżjoni tal-1994 allokati lill-istess Stat Membru.

(5) Jeħtieġ li jiġi stabbilit it-tqassim annwali skont l-Istat Membru ta' riżorsi speċifiċi għall-Fond ta' Koeżjoni, imnaqqas bl-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti mill-Istati Membri għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa.

(6) Jeħtieġ li jiġi stabbilit l-ammont li għandu jiġi ttrasferit mill-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni ta' kull Stat Membru għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa ([3]).

(7) Għal raġunijiet ta' trasparenza, huwa xieraq li jiġi stabbilit it-tqassim annwali tar-riżorsi speċifiċi għall-Inizjattiva Urbana Ewropea taħt ġestjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni.

(8) Għal raġunijiet ta' trasparenza, huwa xieraq li jiġi stabbilit it-tqassim annwali tar-riżorsi tal-FSE+ fil-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir għall-kooperazzjoni transnazzjonali li tappoġġa soluzzjonijiet innovattivi b'ġestjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni.

(9) Għal raġunijiet ta' trasparenza, huwa xieraq li jiġi stabbilit it-tqassim annwali tar-riżorsi tal-FEŻR fil-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir għal investimenti innovattivi interreġjonali taħt ġestjoni diretta jew indiretta mill-Kummissjoni.

(10) Jeħtieġ li jiġi stabbilit it-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali għall-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg) u tar-riżorsi speċifiċi għall-erba' komponenti tagħhom f'konformità mal-Artikolu 9(2) tar-Regolament (UE) 2021/1059.

(11) Għal raġunijiet ta' trasparenza, it-tqassim globali għandu jingħata kemm fi prezzijiet tal-2018 kif ukoll fil-prezzijiet attwali.

(12) Għal raġunijiet ta' programmazzjoni mill-Istati Membri, it-tqassim annwali speċifiku jenħtieġ li jingħata fi prezzijiet attwali biex jirrifletti l-indiċjar ta' 2 % fis-sena f'konformità mat-tielet subparagrafu tal-Artikolu 109(1) tar-Regolament (UE) 2021/1060 u jistabbilixxi r-riżorsi effettivament disponibbli wara li jitnaqqas l-appoġġ għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, l-assistenza teknika fuq l-inizjattiva tal-Kummissjoni, l-allokazzjoni għall-Inizjattiva Urbana Ewropea taħt ġestjoni diretta jew indiretta, il-kooperazzjoni transnazzjonali li tappoġġa soluzzjonijiet innovattivi taħt ġestjoni diretta jew indiretta taħt l-FSE+ u l-investimenti innovattivi interreġjonali taħt ġestjoni diretta jew indiretta,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. It-tqassim annwali tar-riżorsi globali skont l-Istat Membru fil-qafas tal-Investiment għat-tkabbir u l-impjiegi huwa stabbilit fl-Anness I.

2. It-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali allokati għal reġjuni inqas żviluppati fil-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u li huma disponibbli għall-ipprogrammar huwa stabbilit fl-Anness II.

([3]) Ir-Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li għandu jiġi adottat.

3. It-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali allokati għal reġjuni fi tranżizzjoni fil-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u li huma disponibbli għall-ipprogrammar huwa stabbilit fl-Anness III.

4. It-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali allokati għal reġjuni aktar żviluppati fil-qafas mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u li huma disponibbli għall-ipprogrammar huwa stabbilit fl-Anness IV.

5. It-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali allokati għall-finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 TFUE u r-reġjuni NUTS 2 li jissodisfaw il-kriterji stipulati fl-Artikolu 2 tal-Protokoll 6 għall-Att tal-Adeżjoni tal-1994 fil-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u li huma disponibbli għall-ipprogrammar huwa stabbilit fl-Anness V.

6. It-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali allokati għall-FEŻR fil-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u disponibbli għall-ipprogrammar huwa stabbilit fl-Anness VI.

7. It-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali allokati għall-FSI+ fil-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u li huma disponibbli għall-ipprogrammar huwa stabbilit fl-Anness VII.

8. It-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali allokati għall-Fond ta' Koeżjoni fil-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u li huma disponibbli għall-ipprogrammar huwa stabbilit fl-Anness VIII.

9. It-tqassim annwali tal-ammonti li għandhom jiġu ttrasferiti mill-allokazzjoni tal-Fond ta' Koeżjoni ta' kull Stat Membru għall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa huwa stabbilit fl-Anness IX.

10. It-tqassim annwali tar-riżorsi globali allokati skont l-Inizjattiva Urbana Ewropea disponibbli għall-ipprogrammar huwa stabbilit fl-Anness X.

11. It-tqassim annwali tar-riżorsi globali allokati taħt l-FSE+ għall-komponent tal-kooperazzjoni transnazzjonali disponibbli għall-ipprogrammar huwa stabbilit fl-Anness XI.

12. It-tqassim annwali tar-riżorsi globali allokati skont l-Investimenti fl-Innovazzjoni Interreġjonali disponibbli għall-ipprogrammar huwa stabbilit fl-Anness XII.

Artikolu 2

1. It-tqassim annwali tar-riżorsi globali skont l-Istat Membru fil-qafas tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea (Interreg), huwa stabbilit fl-Anness XIII.

2. It-tqassim annwali tar-riżorsi globali allokati fil-qafas tal-komponent ta' kooperazzjoni transfruntiera tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea u li huma disponibbli għall-ipprogrammar, huwa stabbilit fl-Anness XIV.

3. It-tqassim annwali, skont l-Istat Membru, tar-riżorsi globali allokati fil-qafas tal-komponent ta' kooperazzjoni transnazzjonali tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea u li huma disponibbli għall-ipprogrammar, huwa stabbilit fl-Anness XV.

4. It-tqassim annwali tar-riżorsi globali allokati fil-qafas tal-komponent tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea u li huma disponibbli għall-ipprogrammar, huwa stabbilit fl-Anness XVI.

5. It-tqassim annwali tar-riżorsi globali allokati fil-qafas tal-komponent ta' kooperazzjoni interreġjonali tal-mira tal-kooperazzjoni territorjali Ewropea u li huma disponibbli għall-ipprogrammar, huwa stabbilit fl-Anness XVII.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, il-5 ta' Lulju 2021.

Għall-Kummissjoni
Elisa FERREIRA
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS I

Tqassim annwali tar-riżorsi globali skont l-Istat Membru għall-FEŻR, l-FSE+ u l-Fond ta' Koeżjoni taħt l-għan ta' Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir

EUR, prezzijiet tal-2018

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Il-Belġju	295 769 489	295 770 825	295 772 092	295 773 902	295 775 075	295 776 011	295 775 973	2 070 413 367
Il-Bulgarija	1 202 284 240	1 225 850 228	1 248 619 820	1 275 583 115	1 300 717 401	1 324 655 064	1 347 470 003	8 925 179 871
Iċ-Ċekja	2 731 603 918	2 731 614 755	2 731 622 870	2 731 652 301	2 731 647 387	2 731 630 734	2 731 560 333	19 121 332 298
Id-Danimarka	33 218 435	33 218 580	33 218 718	33 218 880	33 219 037	33 219 191	33 219 342	232 532 183
Il-Ġermanja	2 222 928 763	2 222 938 321	2 222 947 700	2 222 958 456	2 222 968 978	2 222 979 291	2 222 989 459	15 560 710 968
L-Estonja	416 186 469	416 187 673	416 188 853	416 190 206	416 191 532	416 192 828	416 194 109	2 913 331 670
L-Irlanda	115 237 602	115 238 098	115 238 585	115 239 142	115 239 689	115 240 221	115 240 749	806 674 086
Il-Greċja	2 650 062 418	2 672 823 362	2 699 977 617	2 711 285 172	2 723 574 847	2 736 155 001	2 748 975 650	18 942 854 067
Spanja	4 422 023 330	4 422 051 929	4 422 073 363	4 422 150 910	4 422 138 065	4 422 094 311	4 421 909 101	30 954 441 009
Franza	2 006 845 965	2 006 855 643	2 006 864 416	2 006 880 276	2 006 886 077	2 006 888 350	2 006 875 032	14 048 095 759
Il-Kroazja	1 109 104 953	1 114 744 586	1 118 355 367	1 129 295 005	1 139 367 161	1 149 139 974	1 158 980 576	7 918 987 622
L-Italja	5 245 088 017	5 245 126 498	5 245 153 246	5 245 271 965	5 245 240 641	5 245 158 140	5 244 840 631	36 715 879 138
Ċipru	117 487 499	117 487 877	117 488 247	117 488 674	117 489 088	117 489 497	117 489 898	822 420 780
Il-Latvja	543 734 409	555 608 626	566 861 913	579 681 620	592 285 373	604 821 784	617 828 240	4 060 821 965
Il-Litwanja	790 765 841	800 573 045	809 708 905	822 108 245	833 077 684	843 114 709	851 172 671	5 750 521 100
Il-Lussemburgu	3 780 688	3 780 705	3 780 721	3 780 739	3 780 756	3 780 773	3 780 792	26 465 174
L-Ungerija	2 637 277 780	2 694 591 439	2 750 804 557	2 825 071 741	2 899 951 397	2 972 992 630	3 043 670 541	19 824 360 085
Malta	103 787 322	103 787 652	103 787 974	103 788 343	103 788 704	103 789 057	103 789 406	726 518 458
In-Netherlands	117 265 745	117 266 250	117 266 746	117 267 311	117 267 869	117 268 412	117 268 947	820 871 280
L-Awstrija	118 675 118	118 675 630	118 676 129	118 676 702	118 677 263	118 677 815	118 678 359	830 737 016

Il-Polonja	8 676 235 597	8 908 876 111	9 140 953 680	9 433 837 582	9 730 741 269	10 031 489 068	10 340 575 275	66 262 708 582
Il-Portugall	2 986 132 786	2 986 152 556	2 986 165 481	2 986 232 038	2 986 210 506	2 986 158 967	2 985 969 397	20 903 021 731
Ir-Rumanija	3 358 698 140	3 502 953 602	3 650 305 783	3 799 437 285	3 948 786 616	4 100 772 606	4 255 510 168	26 616 464 200
Is-Slovenja	408 136 570	408 138 723	408 140 205	408 146 943	408 145 098	408 140 322	408 122 099	2 856 969 960
Is-Slovakkja	1 487 026 562	1 519 033 271	1 551 374 453	1 597 273 405	1 645 148 898	1 694 726 013	1 746 453 640	11 241 036 242
Il-Finlandja	190 198 044	190 198 863	190 199 665	190 200 586	190 201 487	190 202 368	190 203 238	1 331 404 251
L-Iżvezja	200 000 701	200 001 559	200 002 404	200 003 372	200 004 316	200 005 247	200 006 160	1 400 023 759
L-Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni	*71 428 571*	*71 428 571*	*71 428 571*	*71 428 571*	*71 428 571*	*71 428 571*	*71 428 574*	*500 000 000*
Total	**44 260 984 972**	**44 800 974 978**	**45 342 978 081**	**45 979 922 487**	**46 619 950 785**	**47 263 986 955**	**47 915 978 363**	**322 184 776 621**

EUR, prezzijiet attwali

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Il-Belġju	313 872 947	320 151 854	326 556 288	333 089 453	339 752 588	346 548 738	353 479 669	2 333 451 537
Il-Bulgarija	1 275 873 654	1 326 899 711	1 378 577 174	1 436 513 766	1 494 115 434	1 552 044 534	1 610 351 387	10 074 375 660
Iċ-Ċekja	2 898 799 929	2 956 787 658	3 015 932 371	3 076 284 161	3 137 804 202	3 200 540 775	3 264 467 455	21 550 616 551
Id-Danimarka	35 251 667	35 956 857	36 676 150	37 409 853	38 158 231	38 921 576	39 700 187	262 074 521
Il-Ġermanja	2 358 989 785	2 406 179 928	2 454 313 881	2 503 412 275	2 553 492 605	2 604 574 540	2 656 678 184	17 537 641 198
L-Estonja	441 660 411	450 494 919	459 506 123	468 697 768	478 073 247	487 636 232	497 390 486	3 283 459 186
L-Irlanda	122 291 065	124 737 422	127 232 710	129 777 991	132 374 179	135 022 287	137 723 363	909 159 017
Il-Greċja	2 812 267 438	2 893 149 965	2 980 993 455	3 053 347 468	3 128 531 390	3 205 841 675	3 285 280 369	21 359 411 760
Spanja	4 692 686 537	4 786 571 221	4 882 326 308	4 980 060 166	5 079 646 617	5 181 188 281	5 284 590 704	34 887 069 834
Franza	2 129 680 995	2 172 285 090	2 215 740 478	2 260 073 148	2 305 281 274	2 351 389 562	2 398 401 439	15 832 851 986
Il-Kroazja	1 176 991 050	1 206 635 390	1 234 754 693	1 271 769 594	1 308 774 727	1 346 400 630	1 385 089 072	8 930 415 156
L-Italja	5 566 129 361	5 677 493 606	5 791 073 009	5 907 028 166	6 025 132 750	6 145 538 739	6 268 070 061	41 380 465 692
Ċipru	124 678 673	127 172 656	129 716 519	132 311 328	134 958 033	137 657 671	140 411 303	926 906 183
Il-Latvja	577 015 303	601 408 645	625 861 358	652 815 655	680 349 720	708 645 117	738 361 939	4 584 457 737

Il-Litwanja	839 167 039	866 566 011	893 984 059	925 827 411	956 944 396	987 843 257	1 017 230 135	6 487 562 308
Il-Lussemburgu	4 012 097	4 092 357	4 174 221	4 257 725	4 342 901	4 429 778	4 518 397	29 827 476
L-Ungerija	2 798 700 277	2 916 712 432	3 037 110 504	3 181 489 624	3 331 132 608	3 483 334 704	3 637 468 046	22 385 948 195
Malta	110 139 937	112 343 092	114 590 310	116 882 532	119 220 596	121 605 423	124 037 947	818 819 837
In-Netherlands	124 443 347	126 932 762	129 471 963	132 062 039	134 703 919	137 398 637	140 147 247	925 159 914
L-Awstrija	125 938 986	128 458 318	131 028 037	133 649 242	136 322 872	139 049 976	141 831 625	936 279 056
Il-Polonja	9 207 290 620	9 643 254 009	10 092 351 482	10 624 033 361	11 177 563 029	11 753 488 268	12 357 944 661	74 855 925 430
Il-Portugall	3 168 908 004	3 232 307 564	3 296 967 983	3 362 982 297	3 430 217 209	3 498 761 167	3 568 509 838	23 558 654 062
Ir-Rumanija	3 564 277 335	3 791 709 633	4 030 232 540	4 278 783 485	4 535 914 591	4 804 708 694	5 085 728 578	30 091 354 856
Is-Slovenja	433 117 794	441 782 478	450 619 767	459 639 749	468 830 427	478 201 440	487 743 689	3 219 935 344
Is-Slovakkja	1 578 044 483	1 644 250 465	1 712 842 751	1 798 789 282	1 889 758 961	1 985 641 630	2 087 173 766	12 696 501 338
Il-Finlandja	201 839 686	205 877 365	209 995 798	214 196 752	218 481 722	222 852 389	227 310 474	1 500 554 186
L-Iżvezja	212 242 346	216 488 120	220 818 814	225 236 283	229 742 093	234 338 023	239 025 875	1 577 891 554
L-Investimenti Interreġjonali fl-Innovazzjoni	*75 800 571*	*77 316 583*	*78 862 915*	*80 440 173*	*82 048 976*	*83 689 956*	*85 363 755*	*563 522 929*
Total	**46 970 111 337**	**48 494 016 111**	**50 062 311 661**	**51 780 860 747**	**53 551 669 297**	**55 377 293 699**	**57 264 029 651**	**363 500 292 503**

ANNESS II

Tqassim annwali skont l-Istat Membru tar-riżorsi globali allokati għal reġjuni inqas żviluppati taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u disponibbli għall-ipprogrammar

EUR, prezzijiet attwali

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Il-Belġju	16 505 462	16 836 134	17 173 372	17 517 844	17 868 518	18 225 957	18 589 402	122 716 689
Il-Bulgarija	976 534 890	1 015 474 575	1 054 912 911	1 099 122 383	1 143 072 148	1 187 271 569	1 231 744 746	7 708 133 222
Iċ-Ċekja	924 930 918	943 461 192	962 359 328	981 662 862	1 001 313 852	1 021 344 057	1 041 710 725	6 876 782 934
Il-Greċja	2 032 179 557	2 090 682 767	2 154 216 689	2 206 582 256	2 260 971 246	2 316 889 956	2 374 308 532	15 435 831 003
Spanja	2 434 436 133	2 483 208 142	2 532 948 369	2 583 755 605	2 635 477 346	2 688 197 190	2 741 802 617	18 099 825 402
Franza	266 562 396	271 902 760	277 349 141	282 912 355	288 575 703	294 348 341	300 217 947	1 981 868 643
Il-Kroazja	967 297 438	991 629 553	1 014 727 210	1 045 066 843	1 075 396 816	1 106 234 160	1 137 927 912	7 338 279 932
L-Italja	4 046 835 266	4 127 910 405	4 210 595 048	4 295 053 401	4 381 031 964	4 468 669 704	4 557 779 574	30 087 875 362
Il-Latvja	403 568 899	420 522 661	437 519 857	456 251 732	475 381 430	495 037 564	515 668 100	3 203 950 243
Il-Litwanja	589 691 944	608 909 673	628 142 565	650 473 134	672 291 940	693 958 235	714 558 715	4 558 026 206
L-Ungerija	2 345 362 180	2 444 573 219	2 545 791 748	2 667 224 975	2 793 075 974	2 921 076 380	3 050 674 570	18 767 779 046
Il-Polonja	7 095 274 905	7 431 323 185	7 777 498 169	8 187 375 089	8 614 029 576	9 057 925 966	9 523 685 489	57 687 112 379
Il-Portugall	2 377 670 290	2 425 305 020	2 473 885 392	2 523 507 885	2 574 023 559	2 625 514 066	2 677 869 502	17 677 775 714
Ir-Rumanija	2 981 185 045	3 172 112 240	3 372 361 295	3 581 068 680	3 796 969 845	4 022 668 246	4 258 604 779	25 184 970 130
Is-Slovenja	231 606 855	236 246 916	240 979 090	245 812 778	250 733 471	255 749 120	260 849 021	1 721 977 251
Is-Slovakkja	1 304 973 018	1 359 807 745	1 416 619 948	1 487 822 383	1 563 179 000	1 642 604 389	1 726 694 797	10 501 701 280
Total	**28 994 615 196**	**30 039 906 187**	**31 117 080 132**	**32 311 210 205**	**33 543 392 388**	**34 815 714 900**	**36 132 686 428**	**226 954 605 436**

ANNESS III

Tqassim annwali skont l-Istat Membru tar-riżorsi globali allokati għal reġjuni fi tranżizzjoni taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u disponibbli għall-ipprogrammar

EUR, prezzijiet attwali

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Il-Belġju	159 456 232	162 650 134	165 907 916	169 231 662	172 621 872	176 079 885	179 607 090	1 185 554 791
Il-Bulgarija	83 266 939	86 639 491	90 055 098	93 887 137	97 698 955	101 533 106	105 397 040	658 477 766
Iċ-Ċekja	829 722 189	846 341 516	863 293 245	880 588 224	898 229 045	916 222 673	934 576 331	6 168 973 223
Id-Danimarka	11 044 196	11 265 411	11 491 050	11 721 258	11 956 071	12 195 577	12 439 877	82 113 440
Il-Ġermanja	1 272 491 279	1 297 979 243	1 323 976 986	1 350 501 148	1 377 555 702	1 405 151 332	1 433 299 119	9 460 954 809
L-Estonja	295 251 849	301 165 738	307 197 913	313 352 229	319 629 614	326 032 539	332 563 583	2 195 193 465
L-Irlanda	33 875 387	34 553 909	35 246 002	35 952 109	36 672 337	37 406 967	38 156 296	251 863 007
Il-Greċja	244 960 451	252 011 425	259 669 508	265 975 186	272 535 071	279 283 231	286 230 086	1 860 664 958
Spanja	1 549 714 228	1 580 754 969	1 612 416 549	1 644 719 234	1 677 667 864	1 711 275 445	1 745 555 476	11 522 103 765
Franza	1 455 044 830	1 484 189 324	1 513 916 735	1 544 246 081	1 575 181 911	1 606 736 441	1 638 922 336	10 818 237 658
L-Italja	205 565 844	209 683 323	213 883 153	218 168 027	222 538 581	226 996 545	231 543 708	1 528 379 181
Ċipru	92 687 523	94 544 052	96 437 713	98 369 718	100 340 357	102 350 408	104 400 676	689 130 447
Malta	80 538 817	82 152 010	83 797 467	85 476 241	87 188 586	88 935 178	90 716 715	598 805 014
In-Netherlands	25 490 388	26 000 960	26 521 743	27 053 071	27 595 025	28 147 817	28 711 670	189 520 674
L-Awstrija	6 246 508	6 371 625	6 499 246	6 629 448	6 762 256	6 897 721	7 035 894	46 442 698
Il-Polonja	551 092 260	577 385 227	604 473 618	636 555 679	669 979 490	704 767 142	741 319 614	4 485 573 030
Il-Portugall	104 648 967	106 745 084	108 883 122	111 064 454	113 289 405	115 558 854	117 873 712	778 063 598
Il-Finlandja	118 561 336	120 936 114	123 358 391	125 829 714	128 350 457	130 921 611	133 544 212	881 501 835
L-Iżvezja	20 449 001	20 858 594	21 276 378	21 702 623	22 137 389	22 580 854	23 033 189	152 038 028
Total	**7 140 108 224**	**7 302 228 149**	**7 468 301 833**	**7 641 023 243**	**7 817 929 988**	**7 999 073 326**	**8 184 926 624**	**53 553 591 387**

ANNESS IV

Tqassim annwali skont l-Istat Membru tar-riżorsi globali allokati għal reġjuni aktar żviluppati taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u disponibbli għall-ipprogrammar

EUR, prezzijiet attwali

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Il-Belġju	136 138 011	138 864 850	141 646 228	144 483 924	147 378 364	150 330 692	153 342 092	1 012 184 161
Iċ-Ċekja	10 971 738	11 191 503	11 415 661	11 644 360	11 877 632	12 115 568	12 358 266	81 574 728
Id-Danimarka	24 008 301	24 489 187	24 979 691	25 480 127	25 990 568	26 511 220	27 042 289	178 501 383
Il-Ġermanja	1 073 168 382	1 094 663 913	1 116 589 373	1 138 958 794	1 161 775 525	1 185 048 579	1 208 787 298	7 978 991 864
L-Irlanda	87 724 857	89 481 981	91 274 251	93 102 809	94 967 933	96 870 358	98 810 849	652 233 038
Spanja	591 538 423	603 386 924	615 472 406	627 802 602	640 379 358	653 207 645	666 292 607	4 398 079 965
Franza	304 137 597	310 229 462	316 443 170	322 782 696	329 248 991	335 844 608	342 572 196	2 261 258 720
L-Italja	1 282 274 194	1 307 958 111	1 334 155 730	1 360 883 813	1 388 146 367	1 415 954 156	1 444 318 347	9 533 690 718
Il-Litwanja	5 752 956	5 868 188	5 985 725	6 105 640	6 227 955	6 352 716	6 479 972	42 773 152
Il-Lussemburgu	3 989 430	4 069 339	4 150 845	4 234 001	4 318 821	4 405 336	4 493 584	29 661 356
L-Ungerija	13 330 693	13 597 707	13 870 061	14 147 930	14 431 356	14 720 450	15 015 327	99 113 524
In-Netherlands	98 249 847	100 217 787	102 225 089	104 273 035	106 361 933	108 492 607	110 665 913	730 486 211
L-Awstrija	118 980 882	121 364 066	123 794 913	126 274 983	128 804 645	131 384 900	134 016 784	884 621 173
Il-Polonja	21 112 108	21 534 983	21 966 317	22 406 384	22 855 252	23 313 095	23 780 100	156 968 239
Il-Portugall	51 115 270	52 139 106	53 183 421	54 248 882	55 335 649	56 444 149	57 574 830	380 041 307
Ir-Rumanija	16 682 318	17 016 463	17 357 293	17 705 024	18 059 709	18 421 486	18 790 504	124 032 797
Is-Slovenja	73 056 364	74 519 680	76 012 266	77 535 072	79 088 332	80 672 655	82 288 677	543 173 046
Is-Slovakkja	2 693 767	2 747 723	2 802 760	2 858 909	2 916 181	2 974 600	3 034 186	20 028 126
Il-Finlandja	20 313 919	20 720 807	21 135 831	21 559 261	21 991 156	22 431 690	22 881 038	151 033 702
L-Iżvezja	165 360 046	168 672 200	172 050 600	175 497 410	179 013 141	182 599 187	186 256 985	1 229 449 569
Total	**4 100 599 103**	**4 182 733 980**	**4 266 511 631**	**4 351 985 656**	**4 439 168 868**	**4 528 095 697**	**4 618 801 844**	**30 487 896 779**

ANNESS V

Tqassim annwali skont l-Istat Membru tar-riżorsi globali allokati għal finanzjament addizzjonali għar-reġjuni ultraperiferiċi identifikati fl-Artikolu 349 tat-TFUE u r-reġjuni tal-livell 2 NUTS li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 2 tal-Protokoll Nru 6 tal-Att ta' Adeżjoni tal-1994 taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u disponibbli għall-ipprogrammar

EUR, prezzijiet attwali

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	Total
Spanja	90 537 744	92 350 502	94 199 518	96 085 855	98 009 912	99 972 449	101 974 252	673 130 232
Franza	91 963 419	93 804 723	95 682 855	97 598 895	99 553 250	101 546 691	103 580 015	683 729 848
Il-Portugall	21 166 474	21 590 272	22 022 547	22 463 545	22 913 364	23 372 178	23 840 171	157 368 551
Il-Finlandja	61 864 705	63 103 368	64 366 806	65 655 744	66 970 459	68 311 467	69 679 303	459 951 852
L-Iżvezja	25 250 755	25 756 328	26 272 015	26 798 109	27 334 724	27 882 071	28 440 368	187 734 370
Total	**290 783 097**	**296 605 193**	**302 543 741**	**308 602 148**	**314 781 709**	**321 084 856**	**327 514 109**	**2 161 914 853**

ANNESS VI

Tqassim annwali skont l-Istat Membru tar-riżorsi globali allokati għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali taħt il-mira tal-Investiment għall-impjiegi u t-tkabbir u disponibbli għall-ipprogrammar

EUR, prezzijiet attwali

	2021	2022	2023	2024	2025	2026	2027	total
Il-Belġju	154 969 369	158 075 731	161 244 175	164 477 562	167 774 916	171 137 967	174 567 175	1 152 246 895
Il-Bulgarija	727 265 489	756 304 347	785 714 164	818 692 288	851 465 101	884 419 344	917 557 544	5 741 418 277
Iċ-Ċekja	1 402 351 305	1 430 441 372	1 459 090 504	1 488 341 998	1 518 139 858	1 548 519 860	1 579 443 357	10 426 328 254
Id-Danimarka	18 963 464	19 343 509	19 731 155	20 126 686	20 530 126	20 941 634	21 361 377	140 997 951
Il-Ġermanja	1 467 729 812	1 497 136 335	1 527 131 021	1 557 734 402	1 588 949 730	1 620 789 349	1 653 266 093	10 912 736 742
L-Estonja	227 650 471	232 210 021	236 860 767	241 605 635	246 445 388	251 381 931	256 417 250	1 692 571 463
L-Irlanda	53 220 055	54 287 145	55 375 580	56 486 239	57 619 104	58 774 624	59 953 274	395 716 021
Il-Greċja	1 507 640 899	1 551 050 997	1 598 192 008	1 637 061 662	1 677 410 529	1 718 886 132	1 761 436 289	11 451 678 516
Spanja	3 166 068 122	3 229 503 126	3 294 199 628	3 360 267 449	3 427 554 858	3 496 151 652	3 565 951 665	23 539 696 500
Franza	1 219 930 152	1 244 376 750	1 269 311 516	1 294 759 477	1 320 705 170	1 347 165 783	1 374 137 363	9 070 386 211
Il-Kroazja	705 966 083	723 725 850	740 583 918	762 734 056	784 866 205	807 364 464	830 468 444	5 355 709 020
L-Italja	3 579 677 976	3 651 411 221	3 724 567 128	3 799 306 455	3 875 371 506	3 952 897 435	4 031 693 101	26 614 924 822
Ċipru	62 800 559	64 058 622	65 341 848	66 651 087	67 986 505	69 348 632	70 738 014	466 925 267
Il-Latvja	314 063 791	327 257 381	340 484 488	355 063 790	369 948 732	385 241 737	401 285 721	2 493 345 640
Il-Litwanja	448 372 311	462 930 473	477 501 360	494 410 286	510 929 419	527 333 111	542 924 993	3 464 401 953
Il-Lussemburgu	1 998 593	2 038 654	2 079 515	2 121 208	2 163 736	2 207 113	2 251 360	14 860 179
L-Ungerija	1 670 179 140	1 740 624 256	1 812 492 839	1 898 698 002	1 988 005 458	2 078 826 750	2 170 727 026	13 359 553 471
Malta	63 804 606	65 082 483	66 385 918	67 715 724	69 072 122	70 455 649	71 866 856	474 383 358
In-Netherlands	68 087 923	69 452 419	70 844 208	72 264 296	73 712 780	75 190 232	76 697 251	506 249 109
L-Awstrija	72 289 426	73 737 986	75 215 519	76 723 072	78 260 770	79 829 222	81 429 060	537 485 055
